MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 357/2006

**Georgina Attard (ID140344M)**

**Vs**

**Maria Cilia u b'digriet tas-26 ta' Marzu, 2007 gew kjamati fil-kawza Michael Cilia, John Cilia, Rita Borg Xuereb, George Cilia, Anna Debono u Margaret Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:-

1) Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli ghall-hsarat fil-fond tal-attrici 2, Alley 2, Main Street, Qormi, konsistenti fi dhul tal-ilma u umdita' minhabba

xoghol hazin ta' kostruzzjoni jew hsarat ohra fil-fond kontigu tal-konvenuta 50, Main Street, Qormi.

2) Tillikwida l-istess danni sofferti mill-attrici anki permezz ta' periti nominandi u

3) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Ghall-finijiet ta' kompetenza, jigi ddikjarat illi d-danni ma jissuperawx elfejn lira (LM2,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 t'Awwissu, 2006 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Maria Cilia (ID 139227M) (fol 8 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

1) Preliminarjament illi l-gudizzju mhuwiex integru billi l-intimata hi s-sid ta' nofs indiviz biss tal-fond "Framar", 50, Triq il-Kbira, Qormi.

2) Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti trid tressaq prova tat-titolu taghha dwar il-fond 2, Alley 2, Triq il-Kbira, Qormi.

3) Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi ma hux minnu li l-intimata hi responsabbli ghall-allegati hsarat fil-fond 2, Alley 2, Triq il-Kbira, Qormi, u dan skont ma jirrizulta mir-rapport peritali redatt mill-Perit Alan Saliba fit-12 ta' Settembru, 2006 li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument MC, u kif ukoll billi l-istess rikorrenti zmantellat hajt divizorju originali li kien biswit il-hajt li jinsab kompletament fil-proprjeta' tal-intimata, b'konsegwenza li nkixef il-pedament tal-hajt tal-intimata.

4) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-imsemmi <u>Dok MC</u> a fol 9 tal-atti.

Rat id-digriet moghti fis-26 ta' Marzu, 2007 (fol 11 tal-atti) u li bih gew kjamati fil-kawza l-persuni indikati fl-okkju ta' din il-kawza kif ukoll rat li l-konvenut irtira l-ewwel (1) eccezzjoni.

Rat id-digriet moghti wkoll fis-26 ta' Marzu, 2007 (fol 11 ibid) u li bih gie nominat l-A.I.C. Godwin Abela bhala espert tekniku skont l-istess digriet.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert (fol 51 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi a fol 68 u fol 71 et seq ibid.

**Ikkunsidrat**

Illi in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni din giet sorvolata permezz tad-digriet imsemmi u li jinsab a fol 11 tal-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel ma jigi kunsidrat l-mertu tal-kaz, hemm it-tieni (2) eccezzjoni sabiex tigi konsidrata u deciza. Fil-fatt mill-atti pubblici esebiti mill-istess attrici waqt ix-xhieda taghha (fol 39 sa fol 66 ibid), jirrizulta li l-attrici akkwistat parti indiviza mill-post ammontanti ghal sebgha minn ghaxra (7/10), bir-rimanenti appartenenti lil injoti. Dwar dan, hi kienet inghatat il-parir illi "...wara l-moghdija ta' zmien, il-post kollu gie fuqi" u dan wara li kienu saru ricerki "u ma sabu xejn".

Dwar din l-eccezzjoni l-attrici qed tikkontendi li akkwistat is-sehem indiviz ta' tlieta minn ghaxra (3/10) permezz ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili u ghalhekk ghandhi tigi konsiderata bhala s-sid tal-post kollu. Dwar l-istess punt il-konvenuti jikkontendu li l-punt dwar il-preskrizzjoni ma jistax jigi deciz minn din il-Qorti stante li jmur oltre l-kompetenza taghha. Filfatt, dejjem dwar l-istess punt, din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tiddecidih u tiddikjara li l-attrici, hi proprjetarja wkoll ta' dan is-sehem indiviz, appartenenti lil terzi njoti.

Filfatt jinvolvi decizjoni in rigward <u>dritt "in rem"</u> u kwistjonijiet ta' drittijiet reali in konnessjoni ma' proprjeta, huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Konsegwentement taqbel ma' dak sottomess mill-istess konvenuti in rigward it-tieni (2) eccezzjoni u f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-attrici fil-mertu ser tillimita ruhha ghall-prozjoni indiviza li b'certezza, tappartjeni lill-attrici (ara wkoll l-ahhar premessa fir-rikors tal-attrici a fol 30 ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi dwar il-meritu, l-espert tekniku (fol 51 et seq ibid) gustament illimita ruhu ghal <u>punti teknici</u> biss ad eskluzjoni ta' dawk legali. L-istess espert issottometta illi f'certu perjodu ta' zmien, ilma tax-xita kien, filfatt, ikkaguna hsarat fil-post tal-attrici minhabba perkolazzjoni ta' xita mill-<u>katusi difettuzi fil-post</u> tal-konvenuti. Dwar dan kien irrizulta li l-konvenuti kienu rrimedjaw ghal dan billi nbiddlet is-sistema tal-istess katusi u ghalhekk "...dawn ma baqghux jikkawzaw dhul ta' ilma". Pero' dwar dan, l-istess espert issottometta li dawn il-hsarat ma kienux kawzati biss u unikament, mill-katusi difettuzi fil-post tal-konvenuti, izda wkoll, minhabba li meta l-attrici kienet bniet hajt maghmul minn "bricks" hi ma kienitx poggiet "membrane" effettiv vertikalment mal-hajt mikxuf. Fil-fatt kien jidher li "plastic sheeting" kien imtaqqab u insufficjenti biex ma jhallix id-dhul ta' ilma jew umdita' (ara s-sottomissjoni numru (iii) fil-konkluzjonijiet" fuq pagna disgha (9) tal-istess relazzjoni. Ghalhekk l-istess espert issottometta li l-ammont ta' danni li ghandu jithallas lill-attrici ghandu jkun <u>nofs (1/2)</u> dak mitlub minnha, likwidat fis-somma ta' tmin mija erbgha u disghin ewro, hmistax-il centezmu (€894.15) mill-istess espert.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, pero', kif jidher a fol 63 sa 64 ibid u a fol 55 u fol 56 ibid, wara domandi li sarulu bil-miktub mill-partijiet, l-istess espert kien qal illi mix-xhieda u mir-rapporti tal-periti innominat "ex parte", il-katusi msemmija "<u>setghu</u> kienu qed jillikjaw u allura inbidlu fuq suggeriment tal-istess

periti. Sussegwentement, fir-risposti l-istess espert ta' fuq id-domandi tal-konvenut (ara fol 63 u fol 64 ibid) dejjem dwar l-istess katusi fil-post tal-konvenuti, hu qal li dawn nbiddlu fuq suggeriment tal-Perit Alan Saliba sabiex jigi eliminat id-dubbju li kienu qed jikkawzaw perkolazzjoni ta' ilma fil-post tal-attrici. Dwar dan, l-attrici stess kienet qalet li wara li sar dan ix-xoghol ta' tibdil "...d-dhul tal-ilma naqas..." izda baqghet tilmenta dwar dhul u umdita' specjalment fil-kamra ta' quddiem.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar dak premess, ghandu jinghad illi decizjoni f'materja civli ghandha tittiehed fuq bazi ta' probabbilita' u mill-analizi tal-provi kollha prodotti waqt il-perizja kif ukoll dak sottomess mill-espert tekniku, jidher li l-partijiet involuti ghandhom jigu ritenuti ugwalment responsabbli ghall-hsarat li batiet l-attrici u dan peress li x-xoghlijiet kif esegwiti mill-istess attrici, fil-post taghha ma kienux skont kif tirrikjedi l-arti w is-sengha, waqt li jidher li kien minnu wkoll, li l-katusi fil-post tal-konvenuti qabel ma nbiddlu kienu qed jnixxu ilma li kawzat danni u hsarat fil-post tal-attrici.

**Ikkunsidrat**

Illi l-espert tekniku llikwida d-danni dovuti lill-attrici fis-somma ta' tmin mija erbgha u disghin ewro, hmistax-il centezmu (€894.15).

Illi, pero', dawn il-hsarat kienu, gew kawzati wkoll f'ghamara, f'tapit li kellu jinbidel u f'zewg kwadri u kif jidher mid-dokument markat Dok GA1 annessi mar-relazzjoni teknika, il-hsarat f'dawn l-oggetti mobbli kienet tammonta ghal mitejn tnejn u sittin Liri Maltin (Lm262) ossija sitt mija u ghaxar ewro, tletin centezmu (€610.30) waqt li l-ammont ta' seba' mija sebgha u sittin Lira sebghin centezmu (Lm767.70) ossija elf, seba' mija tmienja u tmenin ewro, sitta u ghoxrin centezmu (€1,788.26) kien jirreferi ghal hsarat fil-post bhala immobbli.

A bazi ta' dak li ntqal dwar it-tieni (2) eccezzjoni, peress li l-post jappartjeni lill-attrici kwantu ghal sebgha minn ghaxra (7/10) hi ghandha tithallas nofs (1/2) ta' Lm767 ossija Lm384 (tmin mija, erbgha u disghin ewro, tmienja u erbghin centezmu €894.48) suddiviz b'sebgha minn ghaxra (7/10) ekwivalenti ghal Lm268 (sitt mija erbgha u ghoxrin ewro, sebgha u ghoxrin centezmu €624.27).

Dwar l-oggetti mobbli, ghandu jigi ritenut li dawn jappartjenu "in toto" lill-attrici u ghalhekk ghandha tigi nsanati nofs (1/2) dawn l-ammonti ossija LM131 (tlett mija u hames ewro hmistax-il centezmu €305.15). Ghalhekk b'kollox l-attrici ghandha tithallas risarciment ta' LM399 ossija disa' mija disgha u ghoxrin ewro, tnejn u erbghin centezmu (€929.42).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenuta u lill-kjamati fil-kawza, <u>parzjalment</u> responsabbli ghall-hsarat fil-fond tal-attrici 2, Alley 2, Main Street Qormi konsistenti fi dhul tal-ilma u umdita' minhabba xoghol hazin ta' kostruzzjoni.

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferit mill-attrici fl-ammont ta' LM399 ossija disa mija disgha u ghoxrin ewro, tnejn u erbghin centezmu (<u>€929.42).</u>

3. Tikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamati fil-kawza sabiex jhallsu lill-attrici s-somma ta' LM399 ossija <u>€929.42</u> bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 t'Awwissu, 2006, peress li l-ewwel (1) talba giet parzjalment milqugha izda l-ammont kien wiehed "da liquidarsi", dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici, kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta u kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------